**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2017**

**Kawza Nru. 2**

**Ċitazz. Nru. 772/00JRM**

Aaron **HAROUN**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Onorevoli Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Ħabs, illum il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, ilkoll għan-nom tal-Gvern ta' Malta

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' April, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) tistħarreġ u tissindaka l-fatti kollha ta' dan il-każ u b'mod partikolari l-validita' tal-egħmil amministrattiv tal-imħarrkin, jiġifieri l-fatti preliminari li wasslu għad-deċiżjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet li ttieħdu minnhom jew minn min minnhom u li permezz tagħhom (a) huwa kien imġiegħel jieħu l-"*forced leave*" kif ukoll (b) intemmlu l-impjieg ta' *Assistant Manager* Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi; (ii) issib illi l-egħmil tal-imħarrkin jew ta' min minnhom, jiġifieri l-fatti u l-proċeduri kollha li ġew

segwiti kif ukoll id-deċiżjonijiet li ttieħdu minnhom jew minn min minnhom u li permezz tagħhom (a) l-attur ġie mġiegħel jieħu l-"*forced leave*" kif ukoll (b) intemmlu l-impjieg tiegħu ta' *Assistant Manager* Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi huma *ultra vires* u nulli in kwantu ttieħdu bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali kemm fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, u huma abbużivi billi saru għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (iii) issib illi l-imħarrkin jew min minnhom huma responsabbli għad-danni li huwa ġarrab minħabba l-istess att amministrattiv; (iv) tillikwida d-danni li ġarrab minħabba f'hekk; u (v) tikkundanna u tordna lill-imħarrkin jew lil min minnhom sabiex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Ġunju, 2000, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa biex tistħarreġ u tiddeċiedi t-talbiet tal-attur għall-finijiet tal-artikolu 469A(6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu, fit-tifsira ta' x'inhu għemil amministrattiv, jgħid li dan ma jinkludix xi ħaġa li ssir bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'; illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, kemm il-Ministru tal-Intern, kif ukoll id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mhumiex leġittimi kontradditturi stante li ħatriet jew terminazzjoni ta' impjieg fis-Servizz Pubbliku huma mansjonijiet tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, peress li t-terminazzjoni tal-impjieg kontrattwali tal-attur saret bis-sanzjoni u fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, il-kwistjoni jekk il-Kummmissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti; u li, subordinatament u mingħajr preġudizzju, billi skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ħatriet jew terminazzjoni ta' karigi uffiċċjali fis-Servizz Pubbliku huma fdati f'idejn il-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tali temm ta' mpieg sar biss wara li ġiet riċevuta din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u għalhekk saret skond il-liġi. Fil-mertu, laqgħu billi qaluli t-talbiet kollha attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma mxew kif titlob il-liġi u ħarsu l-ġustizzja naturali fil-konfront tal-attur u kien biss wara xhur fejn l-attur kien kontinwament avżat li ma kienx qed jaqdi d-doveri tal-impjieg tiegħu li ġie terminat l-istess impjieg. Għalhekk qalu li ma ikkawżaw l-ebda danni lill-attur;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-15 ta' Marzu, 2001[1], li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Rat is-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003[3], li bih ħatret lill-Avukat Chris Ċilia bħala Assistent Ġudizzjarju biex jisma' u jiġbor il-provi tal-partijiet, liema ħatra nbidlet bis-saħħa ta' degriet tat-28 ta' Ottubru, 2003, li bih inħatret l-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju minflok l-Avukat Ċilia;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali mressqa u x-xhieda mressqa bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2009[4], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-15 ta' Ġunju, 2010[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' Settembru, 2010[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju b'talba għad-danni. L-attur irid li din il-Qorti ssib li l-mod kif ma ġġeddidlux aktar l-impieg tiegħu mal-Gvern sar bi ksur tal-liġi billi la sar skond kif stabbilit fil-kuntratt tal-impieg

[1] Paġġ. 27 sa 38 tal-proċess
[2] Paġġ. 54 sa 66 tal-proċess
[3] Paġ. 67 tal-proċess
[4] Paġ. 461 tal-proċess
[5] Paġġ. 468 sa 475 tal-proċess
[6] Paġġ. 479 sa 488 tal-proċess

tiegħu u wkoll billi ma ngħata l-ebda raġuni għaliex kienet ittieħdet dik id-deċiżjoni. Huwa jgħid li l-għemil amministrattiv li twettaq biex jintemmlu l-impieg tiegħu kien "*ultra vires*" is-setgħat ta' min għamlu għaliex la tħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex sar b'mod abbużiv u wkoll għaliex sar għal raġunijiet mhux xierqa u kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Huwa jitlob id-danni li ġarrab minħabba dan l-għemil;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa biex tistħarreġ u tiddeċiedi t-talbiet tal-attur għall-finijiet tal-artikolu 469A(6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, liema artikolu, fit-tifsira ta' x'inhu għemil amministrattiv, jgħid li dan ma jinkludix xi ħaġa li ssir bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'; illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, kemm il-Ministru tal-Intern, kif ukoll id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mhumiex leġittimi kontradittūri stante li ħatriet jew terminazzjoni ta' impjieg fis-Servizz Pubbliku huma mansjonijiet tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, peress li t-terminazzjoni tal-impjieg kontrattwali tal-attur saret bis-sanzjoni u fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, il-kwistjoni jekk il-Kummmissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti; u li, subordinatament u mingħajr preġudizzju, billi skond l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ħatriet jew terminazzjoni ta' karigi uffiċċjali fis-Servizz Pubbliku huma fdati f'idejn il-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tali temm ta' mpieg sar biss wara li ġiet riċevuta din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u għalhekk saret skond il-liġi. Fil-mertu, laqgħu billi qaluli t-talbiet kollha attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma mxew kif titlob il-liġi u ħarsu l-ġustizzja naturali fil-konfront tal-attur u kien biss wara xhur fejn l-attur kien kontinwament avżat li ma kienx qed jaqdi d-doveri tal-impjieg tiegħu li ġie terminat l-istess impjieg. Għalhekk qalu li ma ikkawżaw l-ebda danni lill-attur;

Illi bis-saħħa ta' żewġ sentenzi preliminari tal-15 ta' Marzu, 2001, u tad-19 ta' Ġunju, 2003, din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari kollha tal-imħarrkin;

Illi jifdal li, wara li tressqu l-provi u s-sottomissjonijiet, din il-Qorti tiddeċiedi dwar il-kwestjoni fil-mertu tal-azzjoni tal-attur u l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin għaliha. Din il-kawża kienet qiegħda tinstema'

flimkien ma' kawża oħra fl-istess ismijiet[7] li biha l-attur qiegħed jitlob is-sejbien ta' ksur tar-rabtiet kuntrattwali min-naħa tal-imħarrkin u l-kundanna tagħhom għad-danni minħabba tali inadempiment;

Illi l-fatti tal-każ li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur, fis-7 ta' Ottubru, 1996, kien inħatar b'kuntratt biex jaqdi d-dmirijiet ta' Assistent *Manager* Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi għal żmien sentejn, liema kuntratt seta' jiġġedded għal perjodi oħrajn ta' tliet (3) snin kull wieħed. Kull parti fil-kuntratt kellha l-jedd li, minkejja ż-żmien ta' sentejn miftiehem għall-ħatra, ittemm il-kuntratt billi tagħti lill-parti l-oħra avviż bil-miktub ta' tliet (3) xhur. L-ittra tal-ħatra ntbagħtet lill-attur mill-Ministru konċernat fl-4 ta' Ottubru, 1996[8], b'kopja tal-kuntratt tal-impieg mehmuż magħha[9]. Il-ħatra saret mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-ħatra kienet regolata bil-Kostituzzjoni, bil-kuntratt u bir-regoli ġenerali tas-servizz pubbliku sakemm dawn jaqblu mal-Kostituzzjoni u l-kuntratt;

Illi minn Ġunju sa Awwissu tal-1998, tnieda kors għall-"*Middle Management*" tal-Faċilita'[10]. L-attur kiteb lid-Direttur tal-Faċilita' fil-11 ta' Ġunju, 1998[11], biex jitolbu jeżentah milli jattendi minħabba li huwa kellu diġa' kwalifiki akkademiċi għolja fis-suġġetti u minħabba li l-kors kien ser jingħata minn persuni li kienu jaqgħu f'kariga taħt dik li kellu hu. Id-Direttur wieġbu b'ittra tas-17 ta' Ġunju, 1998[12], biex jgħidlu li mhux biss ma kienx qiegħed jeżentah milli jattendi, imma talli bin-nuqqas tiegħu li jattendi kien ikkommetta att ta' insubordinazzjoni u widdbu li kien sejjer jirrakkomanda li, malli jagħlaq il-kuntratt, ma jiġġeddidlux. Wara l-ħruġ tal-imsemmija ittra, l-attur ħareġ b'*leave* tal-mard[13];

Illi meta għalaq il-kuntratt fis-6 ta' Ottubru, 1998, l-attur ma ngħatax kuntratt ta' mpieg ġdid, imma baqa' jaħdem fil-Faċilita' Korrettiva u żamm il-kariga li kien ingħata fil-kuntratt u baqa' jitħallas il-paga bħal qabel[14];

Illi b'rapport magħmul bħala *assessment report* fil-bidu ta' Jannar, 1999[15], id-Direttur tal-Faċilita' kien qal li mill-mod kif l-attur kien iġib ruħu, ma kenitx għażla tajba li ngħata l-impieg. Madankollu, f'Ġunju tal-1999[16] id-Direttur (li sadattant kien temm il-ħatra tiegħu u sar Kap tad-

---

[7] Ċitazz. Nru. 773/00JRM li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll
[8] Dokti "A" u "JA", f'paġġ. 6 u 438 tal-proċess
[9] Dokti "AH3" u "AJ", f'paġġ. 125 – 8 u 439 sa 445 tal-proċess
[10] Dok "AH25", f'paġġ. 163 – 4 tal-proċess
[11] Dok "OPM4", f'paġ. 316 tal-proċess
[12] Dok "OPM5", f'paġġ. 317 – 8 tal-proċess
[13] Dokti "OPM1" u "OPM2", f'paġġ. 312 – 3 tal-proċess
[14] Xhieda tal-attur f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess
[15] Dok "OPM6", f'paġġ. 319 – 320 tal-proċess
[16] Ara Dokti "AH26" u "DM", f'paġġ. 162 u 215 tal-proċess

Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili) kiteb ittra ta' riferenza lir-Reġistratur tal-Universita' dwar is-servizz fejjiedi li l-attur kien ta matul l-impieg tiegħu mal-Faċilita' sa dakinhar. L-imsemmi ex-Direttur[17] fisser li, fiż-żmien li kiteb dik l-ittra (jiġifieri fis-sena meta ġġedded il-kuntratt tal-attur wara li kien għalaq il-kuntratt oriġinali), l-attur kien tejjeb is-servizz tiegħu u dan fi żmien meta d-Direttur kien għaddej minn perjodu iebes fil-familja minħabba saħħet martu;

Illi fit-12 ta' Lulju, 1999[18], ħarġet akkuża ("*charge*") dipartimentali kontra l-attur minħabba xogħol ta' interpretu li jidher li ta bi ħlas fi proċeduri fil-Qrati ta' Malta matul ix-xhur ta' Marzu, April u Ġunju ta' dik l-istess sena bi ksur tar-Regolamenti tal-Ħabs. L-attur jgħid li d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kien ċempillu biex jiffirma l-avviż tal-akkuża minnufih, waqt li l-attur kien qiegħed l-isptar jassisti 'l martu li kienet waslet biex twelled[19];

Illi l-imsemmija proċeduri tmexxew minn Bord ta' Dixxiplina mwaqqaf taħt ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għall-uffiċjali Pubbliċi[20];

Illi fit-12 ta' Ottubru tal-1999, waqt li l-attur kien xogħol, intalab minn uffiċjal tal-Pulizija biex joħroġ minn hemm dak il-ħin stess bil-"*leave*"[21]. L-attur talab li l-ordni li ngħatatlu bil-fomm tingħatalu bil-miktub. Huwa ntalab ma jmurx iżjed għax-xogħol;

Illi l-attur ingħata ħjiel tat-temm tal-kuntratt tal-impieg tiegħu meta ra rapport f'gażżetta lokali[22] b'rabta ma' ħarba minn sptar ta' priġunier Libjan tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li kien taħt skorta[23];

Illi fil-25 ta' Ottubru, 1999, inżamm l-ewwel smigħ quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u f'dik il-laqgħa, id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva wieġeb lill-Bord li l-attur sa dakinhar kien għadu impjegat. Fis-26 t'Ottubru, 1999[24], b'ittra li twasslitlu mix-xufier tad-Direttur, l-attur kien ġie mgħarraf li l-impieg tiegħu kien qiegħed jintemmlu b'seħħ minn dak inhar u li l-kuntratt ma kienx qiegħed jiġġedded. L-ittra mibgħuta lill-attur mid-

[17] Xhieda tiegħu f'paġġ. 330 – 1 tal-proċess
[18] Dok "AH1", f'paġġ. 93 – 4 tal-proċess
[19] Ara Dok "AH, f'paġ. 92 tal-proċess (l-attur u martu kellhom tarbija fit-13 ta' Lulju, 1999)
[20] Regolamenti ta' Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku A.L. 5 tal-1977 mibdul bl-A.L. 186 tal-1999 (L.S. Kost. 03) b'seħħ mill-1.2.2000
[21] Xhieda tiegħu f'paġ. 102 tal-proċess
[22] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 14 tal-proċess
[23] Xhieda tal-attur f'paġ. 106 tal-proċess
[24] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess

Direttur tas-Servizzi Korrettivi tgħid li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Gvern kienet approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[25];

Illi fil-25 t'April, 2000, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi sa minn qabel ma l-attur kien ingħata l-impieg mertu tal-kawża u wkoll wara li ntemmlu l-istess impieg, huwa kien jitqabbad mill-Qrati biex iservi bħala interpretu jew traduttur fejn xi parti tkun titħaddet f'xi lsien jew djalett għarbi, u dan għaliex l-attur (jgħid li) kien il-persuna waħdanija f'Malta li tagħraf u titħaddet id-djaletti għarab[26];

Illi f'Ġunju tal-2000, il-Bord tad-Dixxiplina ta d-deċiżjoni tiegħu dwar l-akkużi maħruġin kontra l-attur billi sab li ma kienx ħati u nħeles mill-istess akkużi[27]. L-attur kien mgħarraf b'din id-deċiżjoni f'Awwissu tal-2000[28], meta ngħadlu wkoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet qablet mad-deċiżjoni meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ jidher li l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq dak li jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi b'mod partikolari, l-attur jisħaq li l-impieg tiegħu intemm bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li kellu u kif ukoll għaliex dan in-nuqqas ta' tiġdid tal-impieg issejjes fuq xiljiet li ma kinux mistħoqqa u għaliex baqa' ma ngħata qatt ir-raġunijiet għaliex il-kuntratt ma reġax iġġedded.

Illi l-Qorti trid tqis is-siwi tal-azzjoni attriċi fil-qafas tal-liġi li huwa għażel biex imexxiha 'l quddiem. Fl-aħħar premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni, minnufih qabel ressaq it-talbiet tiegħu, l-attur rabat il-każ mal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A li ssemmew aktar 'il fuq u nqeda bil-kliem li jinsab fl-imsemmija dispożizzjonijiet biex iwassal din il-fehma. Għalhekk, fl-azzjoni tiegħu, l-attur jgħid li n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tal-impieg tiegħu huwa għemil amministrattiv li fih l-imħarrkin imxew bi ksur tal-liġi għaliex naqsu li jħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fid-deliberazzjonijiet li wasslu għal dak l-għemil; minbarra dan, kisru l-liġi wkoll għaliex l-għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa min-naħa tagħhom billi sar għal għanijiet mhux xierqa jew għaliex issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

---

[25] Xhieda ta' John Abela f'paġġ. 448 sa 451 tal-proċess
[26] Xhieda Suprintendent Neville Aquilina, Spettur Norbert Ċiappara, Peter Cordina u Spettur Sandro Gatt f'paġġ. 195 – 8, 216 sa 220, 221 – 3 u 228 sa 231 tal-proċess
[27] Dok "AHZ", f'paġġ. 202 – 6 tal-proċess
[28] Dok "AHZ1", f'paġ. 201 tal-proċess

Illi meta Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv, hija trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali[29];

Illi l-Qorti tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorita' pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet qies hija u twettaq dak l-eżerċizzju[30], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita'[31]. Għalhekk, sakemm dan l-eżercizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess għemil[32];

Illi llum il-ġurnata huwa stabbilit li biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorita' tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha[33], iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunita' illi ssemma' leħenha[34], u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorita' toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorita' għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha[35];

Illi b'żieda ma' dan, xieraq jingħad li f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni li tkun ħaddnet xi awtorita' pubblika, sakemm deċiżjoni bħal dik ma titteħidx b'mod lil hinn ('*ultra vires*') mis-setgħat mogħtija lil dik l-Awtorita' li tkun eżerċitat l-għażla jew jekk l-għażla tkun saret bi ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali jew inkella ttieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti jew kontra l-liġi. Fi kliem l-awturi f'dan il-qasam: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine*

[29] P.A. **26.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet*** (mhix appellata)
[30] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)
[31] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix appellata)
[32] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika noe et*** u App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** fost oħrajn
[33] T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[34] P.A. **29.11.2011** JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel D'Amato et vs L-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta***
[35] App. Ċiv. **28.6.2013**fil-kawża fl-ismijiet ***Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et***

*whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*" [36];

Illi fejn jidħol l-ilment tal-attur dwar l-imġiba tal-imħarrkin li kienet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, tabilfors tqum il-kwestjoni tar-raġonevolezza tal-għemil amminstrattiv. Din ir-raġonevolezza tinsab kull fejn il-liġi tagħti diskrezzjoni lill-awtorita' pubblika mogħnija bis-setgħa li tieħu deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[37];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[38]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[39] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[40]. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew tehdid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtoriżżata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[41]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament

[36] O.Hood Phillips & P Jackson, "O.Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law", (7th Edit, 1987), f'pg. 661
[37] DeSmith, Woolfe & Jowell *Principles of Judicial Review* (5th Edit, 1995), paġ. 296
[38] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[39] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[40] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[41] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)

miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizżata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi, fl-aħħarnett, huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[42]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[43]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq;

Illi, biex wieħed jara kif jgħoddu l-prinċipji fuq imsemmija għall-każ li għandna quddiemna, ta' min iqis li l-attur jorbot ħafna l-każ tiegħu ma' klawsola li kien hemm fil-kuntratt li ngħata[44] li kienet tgħid li, wara l-ewwel sentejn tal-kuntratt, huwa kien jingħata kuntratt ta' xogħol għal tliet (3) snin oħra, li jiġġeddu, bi tliet snin għal tliet snin, jekk kemm-il darba hu jwettaq dmirijietu b'mod sodisfaċenti. Minn dak li seħħ fl-istorja kollha tal-kuntratt tal-attur ħareġ li l-ewwel sentejn tal-kuntratt għaddew u l-kuntratt reġa' ġġedded b'sena oħra. Ma reġa' ġġedded qatt għal tliet (3) snin kif kien hemm stipulat. Meta ġġedded b'sena oħra, kienu diġa' tressqu xi lmenti mis-superjuri tiegħu dwar kif l-attur kien qiegħed iwettaq xogħolu, u meta l-kuntratt iġġedded b'sena kien mgħarraf li dan sar biex jingħata l-opportunita' li jtejjeb il-ħidma tiegħu qabel wieħed jiddeċiedi jekk kemm-il darba l-kuntratt kienx se jerġa' jiġġedded. Matul dik is-sena – jiġifieri bejn Ottubru tal-1998 u Ottubru tal-1999 – ma jidhirx li l-attur ħa xi passi biex jitlob li l-klawsola tat-tiġdid tal-kuntratt bi tliet (3) snin titwettaq;

Illi l-Qorti tqis li, f'dan il-qafas tal-fatti, konsiderazzjoni ewlenija li għandha piż qawwi fuq is-soluzzjoni tal-kwestjoni hija n-natura tal-kuntratt ta' mpieg li ngħata lill-attur. Fil-każ tal-attur, il-kuntratt oriġinali kien wieħed għal żmien definit ta' sentejn. Ma kienx kuntratt għal żmien

[42] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10tth. Edit), pġ. 295
[43] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[44] Klawsola 3(b)

indefinit. Wara li ntemmu l-ewwel sentejn ta' servizz, u minkejja li l-imħarrkin jgħidu li s-superjuri tal-attur ma kinux kuntenti bil-mod kif kien qiegħed iwettaq (jew ma jwettaqx) il-ħatra tiegħu, il-kuntratt tal-attur iġġedded (wieħed għandu għax jaħseb li dan it-tiġdid sar ukoll bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt oriġinali) b'sena oħra bit-tama li l-imġiba tiegħu titjieb. Meta l-ilmenti baqgħu jitressqu u meta saħansitra tqajmet "*charge*" kontrih dwar xogħol ieħor li kien jagħmel fil-ħin normali tax-xogħol tiegħu, il-kuntratt ma reġax iġġedded wara dik l-estensjoni;

Illi l-attur iħambaq ħafna fuq il-fatt li l-imħarrkin ma ħarsux it-termini espressi ta' waħda mill-klawsoli tal-kuntratt tal-impieg, jiġifieri dik li kienet tistipola l-għoti minn xi waħda mill-partijiet tal-pre-avviż ta' tliet (3) xhur lill-parti l-oħra dwar it-temm tal-impieg. Huwa jilminta li, wara li kien intalab li joħroġ fuq "*forced leave*", xi ħmistax wara irċieva ittra li għarrfitu li l-kuntratt tiegħu ma kienx qiegħed jiġġedded u li għalhekk l-impieg tiegħu ntemm. L-attur jgħid li dan kien każ ta' tkeċċija mill-impieg bi ksur tal-ftehim li kien jgħid li ried jingħata l-pre-avviż. Ma' dan huwa jżid jgħid ukoll li baqa' ma ngħata l-ebda raġuni għaliex il-kuntratt tiegħu ntemmlu;

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-attur dwar dan l-ilment. Huwa prinċipju bażilari u aċċettat li ladarba l-kuntratt tal-impieg kien wieħed għal żmien li jagħlaq, ma tidħolx il-kwestjoni tal-għoti tal-avviż li wieħed jistenna fil-każ ta' kuntratt ta' mpieg indefinit[45]. Il-pre-avviż maħsub (u pattwit)[46] fil-kuntratt tal-impieg tal-attur ma kienx eċċezzjoni jew deroga għal dik ir-regola. Kien jgħodd biss għal meta kull waħda mill-partijiet (magħdud l-attur bħala l-persuna ingaġġata) riedet ittemm ir-rabta kuntrattwali matul il-ħajja tal-istess kuntratt u qabel l-għeluq taż-żmien maqbul. Kemm hu hekk, fil-każ fejn l-impjegat (bħalma kien l-attur) jagħżel li jtemm il-ħatra taħt l-imsemmija klawsola, iddaħħlet il-frażi "*before the stipulated time*" li tista' tfisser biss ħaġa waħda. Kliem jixxiebah jintuża wkoll fil-klawsola fejn ikun il-Gvern li jtemm l-impieg qabel żmienu, u kien hemm stipulat ukoll li l-impjegat (f'dan il-każ l-attur) ma kellux jedd li jfittex għall-ebda għamla ta' kumpens jekk kemm-il darba l-Gvern jagħżel li ma jġeddidx il-kuntratt. F'kull każ, dak il-pre-avviż ma kienx mitlub jew dovut fejn il-kuntratt ma jkunx sejjer jiġġedded wara li jagħlaq;

Illi l-istess ħaġa tista' tingħad dwar ir-raġuni tat-temm tal-impieg. Ladarba dan huwa każ fejn il-kuntratt ma ġġeddidx, l-għoti ta' raġuni tista' tkun biss ċirkostanza sekondarja għaliex f'kuntratt bħal dak ir-raġuni ewlenija tat-temm tal-impieg hi l-fatt li għalaq iż-żmien miftiehem tal-kuntratt bla ma reġa' ġie mġedded. Fi kliem ieħor, f'kuntratt ta' mpieg

[45] Ara art. 36(3) u (5) tal-Kap 452 (fil-każ ta' kuntratti tal-impieg ta' impjegat fis-settur privat)
[46] Klawsoli 3(ċ) u (d)

għal żmien definit, l-għeluq taż-żmien waħdu huwa r-raġuni (miftehma mill-partijiet sa mill-bidu tar-rabta kuntrattwali ta' bejniethom), minkejja li seta' kien hemm jew ma kienx hemm raġuni tajba oħra li wasslet lil xi waħda mill-partijiet li ma ġġeddux;

Illi l-attur jissottometti wkoll[47] li ladarba l-ewwel kuntratt tiegħu għadda u baqa' fl-impieg bla ma ngħata kuntratt ieħor, dan ġab l-effett li l-impieg tiegħu nbidel f'wieħed għal żmien li ma jagħlaqx[48], u għalhekk kien meħtieġ li jingħata l-pre-avviż. Il-Qorti tqis li dan l-argument kien ikun tajjeb u ta' siwi kbir li kieku l-attur ma kienx uffiċjal pubbliku u li kieku kien baqa' fl-impieg minn tal-anqas sal-2002. Imma ma hemmx dubju li l-kuntratt li ngħata kien jagħmilha ċara u min-natura tiegħu li l-attur kien ingaġġat bħala uffiċjal pubbliku. Il-liġi[49] tgħid li d-dispożizzjonijiet li jgħoddu għal impjegati fis-settur privat f'dak li jikkonċerna t-temm jew it-tkeċċija mill-impieg ma jgħoddux għal uffiċjali pubbliċi, sakemm ma jkunx espressament hekk ingħad f'xi regolament maħruġ mill-Ministru[50]. Dan jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(6) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, li kieku wkoll id-dispożiżzjonijiet tal-imsemmi artikolu kienu jgħoddu għal uffiċjal pubbliku, dawn iddaħħlu fil-liġi biss fl-2002, meta l-impieg tal-attur kien ilu mitmum kważi tliet snin. Għalhekk, l-attur ma setax jistrieħ fuq dik id-dispożizzjoni partikolari tal-liġi u għalhekk ukoll, fid-dawl ta' dak li ngħad qabel, il-kwestjoni tal-pre-avviż ma tgħoddx għall-każ;

Illi f'dan ir-rigward, minħabba l-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm intgħamlu, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin[51] dwar l-għan u l-applikabilita' tal-klawsola dwar il-pre-avviż li kienet iddaħħlet fil-kuntratt tal-impieg tal-attur;

Illi għalhekk, safejn l-azzjoni attriċi hija immirata biex issib li l-imħarrkin imxew lil hinn mil-liġi jew mis-setgħat li tagħtihom ("*ultra vires*") bin-nuqqas ta' għoti lilu ta' pre-avviż li l-kuntratt ma kienx sejjer jiġġedded, ma jidhirx li hija mistħoqqa. Id-deċiżjoni li l-kuntratt ma jiġġeddidx kienet waħda li setgħet tittieħed għaliex hekk kien pattwit sa mill-bidu tal-kuntratt. Id-deċiżjoni ttieħdet mill-persuna li setgħet toħodha. Id-deċiżjoni meħuda kienet waħda li, wara li ttieħdet, kienet approvata mill-imħarrkin l-oħrajn li l-liġi tagħtihom is-setgħa li jkollhom l-aħħar kelma fuq il-kwestjoni[52]. Għalhekk ma jirriżulta lill-Qorti l-ebda ħaġa "*ultra vires*" f'dan ir-rigward;

---

[47] §8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 475 tal-proċess
[48] Art. 34(2) tal-Kap 452
[49] Ara art. 84(1) tal-Kap 452
[50] Art. 48(1) tal-Kap 452
[51] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 480 – 2 tal-proċess
[52] Ara art. 110(1) tal-Kostituzzjoni

Illi jifdal li l-Qorti tqis jekk it-teħid tad-deċiżjoni kienx imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa jew irrilevanti u jekk tħarsux il-prinċipji tal-ħaqq naturali fil-proċess li wassal għaliha;

Illi l-attur jgħid li d-deċiżjoni tad-Direttur li jagħżel li ma jġeddidlux il-kuntratt kienet mibnija fuq xilja li ma kenitx mistħoqqa. L-attur jgħid li d-Direttur kien xlieh li, minflok jagħti s-servizz tiegħu fil-Faċilita' Korrettiva, kien "jaħli ħafna ħin" jagħti servizz ta' traduzzjoni f'kawżi fil-Qorti. L-attur juri kif id-Direttur ħariġlu wkoll "*charge*" dwar dan, issospendih milli jibqa' jidħol għax-xogħol, u baqa' sa ma ressaq il-każ tiegħu quddiem Bord tad-Dixxiplina għal uffiċjali pubbliċi mwaqqaf mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-attur ressaq provi li juru li l-imsemmi Bord ma sab l-ebda ħtija f'dak li l-attur kien qiegħed jagħmel u li din id-deċiżjoni wasal għaliha xi xhur wara li l-kuntratt tal-impieg tiegħu ma kienx iġġedded. L-attur jgħid li d-Direttur imħarrek kellu għalih u nfitel miegħu u li matul din il-kawża mexa b'mala fidi;

Illi biex l-attur isaħħaħ din ix-xilja tiegħu, huwa jgħid li ma kienet saret l-ebda evalwazzjoni ("*periodic assessments*") li fuqha seta' jitkejjel ix-xogħol li huwa kien qiegħed jagħti fil-Faċilita' u wkoll li, saħansitra, it-tifħir li kien ingħata f'ittra minn Direttur li kien se jtemm il-ħatra tiegħu biex jidħol minfloku d-Direttur imħarrek[53] ixejjen kull rimarka li huwa ma kienx tajjeb għax-xogħol li għalih inħatar. Ilment ieħor li qajjem l-attur kien li, għal biċċa l-kbira taż-żmien tal-kuntratt, ma ngħatax l-iżjed faċilitajiet bażiċi biex seta' jaħdem sewwa, bħalma huma uffiċċju xieraq (kien tqiegħed f'kamra li minnha kellhom jgħaddu n-nies biex jaċċedu għal band'oħra tal-Faċilita') u tagħmir meħtieġ, jew li kien jingħata jaħdem xogħol fix-xift ta' billejl aktar minn kemm kien jitqabbad ħaddieħor;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed li jwasslu biex l-impieg tal-attur fil-Faċilita' Korrettiva ma jerġax jiġġedded u kif ukoll li l-attur ma jistax ma kienx jaf x'kienu r-raġunijiet li wasslu għal dan. B'mod partikolari, huma jgħidu li l-attur naqas li jilħaq il-livell mixtieq ta' ħila professjonali fit-twettiq ta' xogħolu u li dan baqa' għaddej bih għal żmien twil minkejja li l-kuntratt kien estiż bit-tama li hu jtejjeb il-livell. Huma jsemmu l-każ ta' ħabsi Libjan li kien ta' wġigħ ta' ras għall-awtoritajiet tal-Faċilita' minħabba li kien hemm bosta nies li kienu heddewh b'ħajtu u li l-attur kien jidher li jaf ħwejjeġ dwaru li setgħu saru jafu bihom terzi persuni; isemmu wkoll il-każ ta' ħabsi ieħor li kien jitħalla jċempel bit-telefon x'ħin ifettillu u bi ksur tar-regoli tal-Faċilita'; u

[53] Ara Dokti "AH26" u "DM", f'paġġ. 162 u 215 tal-proċess

jsemmu każ ta' ħabsi ieħor barrani li dam madwar sena jitkarrab mal-attur biex iħallih iġib ħwejjeġ x'jilbes mill-appartament minn fejn kien inġabar u nżamm arrestat[54];

Illi l-Qorti ttenni li mhijiex imsejħa biex tgħid jekk sarx sewwa li l-kuntratt tal-attur ma jiġġeddidx. Xogħolha hu, kif ingħad, li tistħarreġ jekk, fuq it-tagħrif li kien hemm, min ħa d-deċiżjoni biex il-kuntratt tal-impieg tal-attur ma jiġġeddidx mexiex b'mod raġonevoli meta nqeda bid-diskrezzjoni tiegħu u jekk il-proċess wettqux kif imiss fil-konfront tal-attur u b'ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali;

Illi safejn l-attur jallega li ma kinux saru evalwazzjonijiet perjodiċi dwar il-mod kif kien iwettaq xogħolu, jidher li sa ma għalaq il-kuntratt oriġinali, tassew ma kienet saret l-ebda evalwazzjoni, u din stqarrha wkoll id-Direttur imħarrek. Il-kuntratt tal-impieg[55] kien jgħid li riedet issir evalwazzjoni flimkien ma' żewġ "*mid-term reviews*", waħda kull sitt (6) xhur. Mill-provi mressqa jidher li saret evalwazzjoni waħda f'Jannar tal-1999[56], meta l-kuntratt kien imġedded għal sena u f'liema evalwazzjoni jingħad b'mod ċar li l-għażla tal-attur kienet żbaljata għaliex ma kienx il-persuna xierqa għall-kariga li nħatar għaliha. Madankollu, fl-ittra li d-Direttur ta' dak iż-żmien bagħtlu (f'Ġunju tal-1998 u għalhekk qabel ma għalaq il-kuntratt oriġinali)[57], l-attur kien imwissi wkoll bl-ilmenti li kienu qegħdin isiru fil-konfront tiegħu minn bosta bnadi, magħdud mill-Bord tal-Viżitaturi tal-Ħabs, u li ma kienx fi ħsiebu jirrakkomanda li l-kuntratt jiġġedded wara l-għeluq tiegħu. F'dawn iż-żewġ dokumenti jissemmew ir-raġunijiet jew iċ-ċirkostanzi li dwarhom id-Direttur wera li ma kienx kuntent bil-livell tax-xogħol tal-attur. L-attur kien mgħarraf bil-kontenut ta' dawn iż-żewġ dokumenti, ukoll jekk kellu jedd ma jaqbilx magħhom jew xtaq jikkontestahom. Il-Qorti ma tistax tagħti wisq piż lill-ittra ta' rakkomandazzjoni li kiteb l-ex-Direttur tal-Faċilita' ladarba meta kitibha kien ilu li ħalla l-kariga ta' Direttur għal xi xhur u meta din ma kenitx marbuta mal-evalwazzjonijiet interni li kienu mistennija li jsiru skond il-kuntratt tal-impieg;

Illi bla ma toqgħod tidħol b'reqqa fid-dettalji ta' kull każ imsemmi mill-imħarrkin, il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li ċ-ċirkostanzi li ra d-Direttur imħarrek ma kinux ta' siwi u serjeta' biżżejjed li fuqhom ma setax bena fehma dwar il-ħila tal-attur fit-twettiq tal-kariga tiegħu u jekk kienx il-persuna xierqa li timla tali kariga. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex qiegħda tagħti każ tal-ilmenti li d-Direttur imħarrek qajjem dwar il-ħin u d-

---

54 Ara xhieda ta' Dr Mario Feliċe f'paġġ. 362 – 4 u 367 tal-proċess
55 Ara Dok "JA" Appendiċi 'B' f'paġġ. 444 – 5 tal-proċess
56 Dok "OPM6", f'paġġ. 319 – 320 tal-proċess
57 Dok "OPM5" f'paġġ. 317 – 8 tal-proċess

dedikazzjoni tal-attur fl-għoti ta' servizzi ta' traduzzjoni fil-Faċilita' u fil-Qrati lil ħabsin li jitħaddtu l-ilsien Għarbi u dan minħabba li dwar din il-konsiderazzjoni kien hemm determinazzjoni mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz pubbliku li sabet li x-xilja tad-Direttur kontra l-attur f'dan ir-rigward ma kenitx tajba. Minbarra dan, tressqu bosta xhieda li qalu li l-ħila tal-attur f'dan il-qasam kienet mill-aqwa u li s-servizzi tiegħu kienu mfittxija bħala affidabbli u ta' min joqgħod fuqhom[58], u li, saħansitra f'okkażjoni minnhom, dak is-servizz "kien wieħed mix-xogħlijiet tajbin ħafna eċċellenti"[59] li l-attur intalab u ta fil-Faċilita' nnifisha f'każ delikat ħafna;

Illi jekk ir-raġunijiet li fuqhom straħ id-Direttur imħarrek biex jirrakkomanda li l-kuntratt tal-attur ma jiġġeddidx kienu l-episodji li ssemmew qabel (lil hinn mill-kwestjoni tal-ħin li l-attur kien iqatta' biex jittraduċi jew jagħmilha ta' interpretu fil-Qorti), ma jidhirx li dawn kienu konsiderazzjonijiet irrilevanti għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12. Għall-kuntrarju, jekk jitressqu lmenti dwar nuqqas ta' dixxiplina jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti li jirrigwardaw it-tmexxija tal-Faċilita', dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kunsiderazzjonijiet barra minn posthom jekk id-Direttur ried jikkunsidra l-livell ta' ħidma tas-subalterni tiegħu;

Illi kif inhu mgħallem f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet pubbliċi huma mistennija li "*they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion*[60]*. The doctrine applies equally to failure to take account of some consideration which is necessarily relevant ... ..*"[61]. Din id-duttrina tħaddmet mill-Qrati f'Malta wkoll[62], u dan billi meta Qorti tkun qiegħda tistħarreġ il-kunsiderazzjonijiet meħuda f'deċiżjoni amministrattiva, dik il-Qorti trid tqis tali kunsiderazzjonijiet biex tara li l-awtorita' pubblika tkun qieset il-fatturi relevanti kollha u warrbet dawk irrilevanti fit-teħid ta' tali deċiżjoni[63];

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li jekk ittieħdet deċiżjoni li l-kuntratt tal-impieg tal-attur ma jiġġeddidx minħabba n-natura tal-ilmenti li tressqu

---

[58] Xhieda Suprintendent Neville Aquilina, Spettur Norbert Ċiappara, Peter Cordina u Spettur Sandro Gatt f'paġġ. 195 – 8, 216 sa 220, 221 – 3 u 228 sa 231 tal-proċess
[59] Xhieda ta' Peter Cordina f'paġ. 331 tal-proċess
[60] *Per* Lord Esher MR in re ***R. vs St. Pancras Vestry*** [**1890**] 24 QBD 371 at 375
[61] H W R Wade & C F Forsyth Administrative Law (9th Edit) paġ.380
[62] Ara, b'eżempju, Maġ. (Għ) AE **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Piju Attard et vs Kunsill Lokali tal-Munxar*** (mhix appellata)
[63] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)

dwaru mal-awtoritajiet tal-Faċilita' Korrettiva, tali deċiżjoni kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti;

Illi meta l-attur intalab joħroġ bi frank obbligatorju ("*forced leave*") kien hemm pendenti l-proċeduri tax-xilja ("*charge*") dixxiplinari u, minbarra dan, kien qiegħed joqrob iż-żmien li tagħlaq is-sena estensjoni li kienet ingħatat lill-attur wara li għalaq il-kuntratt oriġinali. Hawnhekk ukoll, ma jistax jingħad li l-ordni li joħroġ bil-*forced leave* kienet waħda msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Illi, fl-aħħarnett, jifdal il-kawżali tan-nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-attur jidher li jisħaq fuq il-prinċipju li ma ngħatax raġuni għaliex intalab li jieqaf mix-xogħol u għaliex il-kuntratt tal-impieg tiegħu ma ġġeddidx. Kif issemma aktar qabel, l-għeluq taż-żmien miftiehem kien raġuni li l-attur kien jaf biha sa minn dakinhar li bdielu l-kuntratt. Minbarra dan, intwera li huwa kien ġie mwiddeb aktar minn darba bil-miktub li l-prestazzjoni tiegħu ma kenitx meqjusa tajba u kienu saħansitra nbidlulu l-mansjonijiet tiegħu bit-tama li jkun jista' juri titjib f'xogħolu. Fil-fehma tal-Qorti, dawn kienu fihom infushom ċirkostanzi li bis-saħħa tagħhom ma jistax jingħad li l-attur baqa' mċaħħad minn raġuni għat-teħid tad-deċiżjoni li l-kuntratt tal-impieg tiegħu ma jerġax jiġġedded wara Ottubru tal-1999;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u wara li, għall-finijiet ta**l-ewwel talba attriċi**, il-Qorti stħarrġet u issindakat il-fatti kollha tal-każ kif imressqin quddiemha mill-partijiet, tasal għall-fehma li ma ntweriex li l-proċeduri li wasslu għat-teħid tad-deċiżjonijiet li minnhom jilminta l-attur u d-deċiżjonijiet infushom kienu abbużivi jew "*ultra vires*" minn min ħadhom. Għalhekk, i**t-tieni talba attriċi** mhijiex se tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, lanqas ma tista' tilqa' t-**talbiet l-oħrajn attriċi** minħabba li dawn jiddependu fuq it-talba ta' qabilhom u huma konsegwenzjali għalihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** għaliex ma ntweriex li d-deċiżjonijiet li bihom l-attur intalab joħroġ fuq frank obbligatorju u li l-kuntratt tiegħu tal-impieg ma jiġġeddidx wara l-għeluq taż-żmien miftiehem kienu abbużivi u illegali jew "*ultra vires*";

**Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** minħabba li huma konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilhom; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk marbutin maż-żewġ sentenzi preliminari tal-15 ta' Marzu, 2001, u tad-19 ta' Ġunju, 2003, li l-ispejjeż tagħhom jitħallsu mill-imħarrkin, kif kien hemm ordnat.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**8 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**8 ta' Ġunju, 2017**